

Brussell, 29 ta' Ġunju 2026  
(OR. en)

11306/26

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2026/0182 (NLE)**

---

---

**POLCOM 251  
COASI 121**

## **PROPOSTA**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	29 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 340 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Komprensiv bejn l-Unjoni Ewropea u l-Indoneżja

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 340 final.

---

Mehmuż: COM(2026) 340 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 29.6.2026  
COM(2026) 340 final

2026/0182 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Komprensiv bejn l-Unjoni  
Ewropea u l-Indoneżja**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-Indoneżja hija t-30 l-akbar sieħeb kummerċjali tal-UE għall-merkanzija globalment u l-ħames sieħeb kummerċjali tal-UE fl-ASEAN fl-2025, filwaqt li l-UE hija r-raba' l-akbar sieħeb kummerċjali tal-Indoneżja, u tirrappreżenta 6 % tal-kummerċ totali tagħha. Il-kummerċ bilaterali bejn iż-żewġ sħab ammonta għal EUR 28,9 biljun fl-2025, bl-esportazzjonijiet tal-UE b'valur ta' EUR 10,2 biljun u l-importazzjonijiet tal-UE b'valur ta' EUR 18,7 biljun. L-esportazzjonijiet tal-Indoneżja lejn l-UE jinkludu prinċipalment prodotti agrikoli, metalli komuni, sustanzi kimiċi, makkinarju u apparat, xaħmijiet u żjut kif ukoll xedd is-saqajn. L-esportazzjonijiet tal-UE lejn l-Indoneżja huma fil-biċċa l-kbira ddominati minn prodotti industrijali, inkluż makkinarju u apparat, tagħmir tat-trasport u prodotti kimiċi. Il-kummerċ bilaterali fis-servizzi bejn l-UE u l-Indoneżja ammonta għal EUR 9,3 biljun fl-2024, bl-esportazzjonijiet tal-UE jammontaw għal EUR 5,8 biljun u l-importazzjonijiet jammontaw għal EUR 3,5 biljun. Fl-2024, l-istokk ta' investiment dirett barrani tal-UE fl-Indoneżja ammonta għal EUR 24,7 biljun, filwaqt li l-istokk ta' IDB tal-Indoneżja fl-UE kien ta' EUR 1,3 biljun.

L-Indoneżja, membru tad-WTO mill-1995, bħalissa tgawdi minn preferenzi kummerċjali mal-UE taħt l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi ("SGP"), li tagħha hija t-tieni l-akbar benefiċjarju. Fl-2024, 44 % tal-esportazzjonijiet tagħha lejn l-UE kienu eliġibbli għal tariffi mnaqqsa skont is-SGP. Madankollu, l-Indoneżja se toħroġ mis-SGP fl-1 ta' Jannar 2027, minħabba l-istatus ta' introjtu medju superjuri tagħha matul l-aħħar 3 snin.

Fit-23 ta' April 2007, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tidħol f'negozjati għal Ftehim ta' Kummerċ Ħieles mal-pajjiżi tal-ASEAN. L-objettiv ta' dak iż-żmien kien li jiġi nnegozjat ftehim ta' kummerċ ħieles bejn ir-reġjuni. Madankollu, l-awtorizzazzjoni pprevediet il-possibbiltà ta' negozjati bilaterali f'każ li ma jkunx possibbli li jintlaħaq ftehim għal negozjati konġunti, u fejn tali negozjati bilaterali jkunu politikament aċċettabbli u ekonomikament sinifikanti.

Fit-8 ta' Mejju 2009, il-Kummissjoni rrapportat lill-Kumitat tal-Artikolu 133 – kif kien magħruf dak iż-żmien – dwar id-diffikultajiet li nqalgħu fin-negozjati bejn l-UE u l-ASEAN, li ż-żewġ naħat kienu qablu li jwaqqfu temporanjament. Il-Kumitat tal-Artikolu 133 talab lill-Kummissjoni biex tesplora l-prospetti ta' negozjati bilaterali individwali ma' għadd ta' pajjiżi tal-ASEAN u f'Diċembru 2009 il-Kunsill approva dan l-approċċ.

Lejn l-aħħar tal-2009, il-President Indoneżjan Susilo Bambang Yudhoyono u l-President tal-Kummissjoni Ewropea José Manuel Barroso ddeċidew li jeżaminaw kif ir-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-UE u l-Indoneżja jistgħu jiġu approfonditi. Huma inkarigaw lil Vision Group b'rappreżentanti mill-Indoneżja u mill-UE biex jipproduċi rakkomandazzjonijiet dwar kif ir-relazzjonijiet għandhom jittieħdu fil-livell li jmiss. Fl-4 ta' Mejju 2011, il-Vision Group irrakkomanda "l-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Komprensiv (CEPA) bejn l-UE u l-Indoneżja, ibbażat fuq żona ta' kummerċ ħieles u li jibni fuq aċċess imtejjeb għas-suq, il-bini tal-kapaċità u l-faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-investiment". Ingħatat kunsiderazzjoni importanti lill-potenzjal kbir tal-Indoneżja f'termini tad-daqs, ir-rati ta' tkabbir attwali u mistennija, il-bidla tal-ekonomija tagħha lejn l-esportazzjonijiet tal-manifattura, is-servizzi emerġenti, iż-żieda fil-ftuħ u l-istabbiltà makroekonomika. Il-komplementarjetà bejn l-

ekonomiji tal-UE u tal-Indoneżja, bl-UE tesporta prodotti ferm differenti lejn l-Indoneżja milli l-Indoneżja lejn l-Ewropa, kellha wkoll rwol sinifikanti.

L-UE u l-Indoneżja wettqu eżerċizzju konġunt ta' identifikazzjoni bikrija biex jiddeterminaw il-kamp ta' applikazzjoni u l-livell ta' ambizzjoni ta' ftehim kummerċjali futur. Dan l-eżerċizzju ġie konkluż f'April 2016, u juri li n-negożjati jistgħu jwasslu għal ftehim kummerċjali fl-interess taż-żewġ naħat.

Fit-13 ta' Lulju 2016, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tibda negożjati bilaterali tal-FTA mal-Indoneżja. In-negożjati għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Komprensiv ("CEPA" jew il-"Ftehim") bejn l-UE u l-Indoneżja tnedew uffiċjalment fid-19 ta' Lulju 2016. L-ewwel ċiklu ta' negożjati sar fi Brussell bejn l-20 u l-21 ta' Settembru 2016. In-negożjati kienu appoġġati minn Valutazzjoni tal-Impatt għas-Sostenibbiltà tal-Kummerċ. Wara proċess ta' negożjati ta' 9 snin u 19-il ċiklu ta' negożjati, l-UE u l-Indoneżja kkonkludew in-negożjati għas-CEPA fit-23 ta' Settembru 2025.

Mill-kuntest ġeopolitiku u ġeoekonomiku usa', il-konklużjoni ta' dawn in-negożjati mal-ekonomija ewlenija tal-ASEAN tibgħat sinjal qawwi tal-impenn konġunt tal-UE u tal-Indoneżja għal sistema kummerċjali bbażata fuq ir-regoli, u tad-determinazzjoni tal-UE li taċċellera l-aġenda tagħha ta' ftuħ u diversifikazzjoni tal-kummerċ.

Il-ftehim se jelimina t-tariffi fuq aktar minn 98 % tal-linji tariffarji, u qrib il-100 % f'termini ta' valur. Mad-dħul fis-seħħ, diġà se jiġu liberalizzati 80 %, u wara eliminazzjoni gradwali ta' 5 snin, il-liberalizzazzjoni se tilħaq 96 % tal-kummerċ bilaterali. Is-CEPA għandu wkoll l-għan li jneħħi l-ostakli tekniċi għall-kummerċ ta' merkanzija bejn l-UE u l-Indoneżja. Dan joħloq ambjent aktar trasparenti, prevedibbli u kosteffettiv, aċċess imtejjeb għas-suq u kostijiet imnaqqsa. Il-Ftehim se jespandi l-opportunitajiet għall-fornituri tas-servizzi u l-investituri tal-UE u tal-Indoneżja, u jiżgura ambjent kummerċjali aktar prevedibbli. Filwaqt li s-CEPA jipromwovi l-flussi tal-kummerċ u tal-investment bejn l-UE u l-Indoneżja, dan jissalvagwardja b'mod espliċitu d-dritt ta' kull parti li tirregola biex jintlaħqu l-oġettivi leġittimi tal-politika. Huwa jipprovdi wkoll protezzjoni diretta għal 221 indikazzjoni ġeografika tal-UE u 72 indikazzjoni ġeografika Indoneżjana u fih impenji robusti dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli.

It-testi rieżaminati legalment tas-CEPA ġew ippubblikati u jinsabu f'din il-ħolqa:

#### [Test tal-ftehimiet - Il-Kummerċ u s-Sigurtà Ekonomika - Il-Kummissjoni Ewropea](#)

Il-Kummissjoni qed tippreżenta dawn il-proposti għal deċiżjonijiet tal-Kunsill:

- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Komprensiv bejn l-Unjoni Ewropea u l-Indoneżja;
- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Komprensiv bejn l-Unjoni Ewropea u l-Indoneżja;
- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim ta' Protezzjoni ta' Investment bejn l-Unjoni Ewropea u l-Indoneżja;
- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Protezzjoni ta' Investment bejn l-Unjoni Ewropea u l-Indoneżja.

Il-proposta mehmuża għal Deċiżjoni tal-Kunsill tikkostitwixxi l-istrument legali għall-konklużjoni tas-CEPA bejn l-Unjoni Ewropea u l-Indoneżja.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Qabel ma kkonkludew in-negożjati għal FTA, l-UE u l-Indoneżja kienu nnegożjaw Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni ("FSK"), li ġie ffirmat f'Jakarta fid-9 ta' Novembru 2009 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2014. Il-Ftehim jipprovdni l-bażi għall-kooperazzjoni f'firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika, inkluż id-drittijiet tal-bniedem u l-kummerċ, u għall-organizzazzjoni ta' djalogo politiku regolari u kooperazzjoni settorjali.

Ladarba s-CEPA jidħol fis-seħħ, dan se jeżisti flimkien mal-FSK bħala ftehim speċifiku u parti integrali mir-relazzjonijiet bilaterali ġenerali bejn l-UE u l-Indoneżja. Iż-żewġ ftehimiet ma għandhomx dispożizzjonijiet li jmorru kontra xulxin.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Is-CEPA huwa kompletament konsistenti mal-politiki tal-Unjoni u mhux se jirrikjedi li l-UE temenda r-regoli, ir-regolamenti jew l-istandards tagħha f'xi qasam regolat. Barra minn hekk, bħal fil-każ tal-ftehimiet kummerċjali l-oħra kollha li nnegożjat il-Kummissjoni, is-CEPA jissalvagwardja bis-sħiħ is-servizzi pubbliċi u jiżgura li d-dritt tal-gvernijiet li jirregolaw fl-interess pubbliku jinżamm kompletament ippreżervat u jkun jikkostitwixxi prinċipju sottostanti għalihom.

Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet tas-CEPA jirriflettu bis-sħiħ l-eżitu tal-komunikazzjoni reċenti tal-UE dwar ir-rieżami tal-politika kummerċjali sostenibbli ("Is-saħħa tas-sħubiji tal-kummerċ: flimkien għal tkabbir ekonomiku ekoloġiku u ġust" tat-22 ta' Ġunju 2022).

## **2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi legali sostantiva**

L-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi n-negożjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet kummerċjali bħala parti mill-politika kummerċjali komuni tal-Unjoni. L-Artikolu 91 u l-Artikolu 100(2) jipprevedu l-bażi għall-qbil dwar id-dispożizzjonijiet tat-trasport internazzjonali.

Minħabba li l-oġġettivi u l-komponenti ewlenin tas-CEPA huma l-politika kummerċjali komuni u l-forniment ta' servizzi tat-trasport, il-bażijiet legali sostantivi huma l-Artikolu 207, l-Artikolu 91 u l-Artikolu 100(2) TFUE.

- **Bażi legali proċedurali**

Peress li l-Artikolu 91(1), l-Artikolu 100(2) u l-Artikolu 207 TFUE huma l-bażijiet legali sostantivi, il-Kunsill irid jadotta d-deċiżjoni li tikkonkludi l-ftehim wara li jikseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, f'konformità mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a) TFUE.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta dwar il-konklużjoni tal-Ftehim hija l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a) TFUE.

L-Artikolu 218(7) TFUE għandu jiżdied ukoll bħala bażi legali peress li huwa xieraq li l-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni tapprova l-pożizzjoni tal-Unjoni li tirrettifika u/jew timmodifika ċerti partijiet tal-ftehim.

- **Kompetenza tal-Unjoni**

F'konformità mal-Opinjoni 2/15 dwar l-FTA bejn l-UE u Singapore tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Mejju 2017, l-oqsma kollha koperti mis-CEPA jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-UE u, b'mod aktar partikolari, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 91, l-Artikolu 100(2) u l-Artikolu 207 TFUE. Il-Qorti siltet il-kompetenza esklużiva tal-UE mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Politika Kummerċjali Komuni skont l-Artikolu 207(1) TFUE u mill-Artikolu 3(2) TFUE (abbażi tal-fatt li huma affettwati regoli komuni eżistenti li jinsabu fil-leġiżlazzjoni sekondarja).

- **Sussidjarjetà**

L-FTA, kif ippreżentat lill-Kunsill, ma jkoprix kwistjonijiet li jaqgħu barra mill-kompetenza esklużiva tal-UE.

- **Proporzjonalità**

Il-ftehimiet kummerċjali huma l-mezzi xierqa biex jirregolaw l-aċċess għas-suq u l-oqsma relatati ta' relazzjonijiet ekonomiċi komprensivi ma' pajjiż terz barra mill-UE. Ma teżisti l-ebda alternattiva biex jsiru legalment vinkolanti tali impenji u sforzi ta' liberalizzazzjoni.

Din l-inizjattiva ssegwi direttament l-oġettiv tal-Unjoni fl-azzjoni esterna u tikkontribwixxi għall-prijorità politika tal-“UE bħala attur globali aktar b'saħħtu”. Hija konformi mal-orjentazzjonijiet tal-Istrateġija Globali tal-UE biex tikkoopera ma' atturi oħra u tagħti spinta lis-sħubijiet esterni tagħha b'mod responsabbli, sabiex tikseb il-prijoritajiet esterni tal-UE. Din tikkontribwixxi għall-oġettivi tal-UE dwar il-kummerċ u l-iżvilupp.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill hija ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 218(6) TFUE, li jipprevedi l-adozzjoni mill-Kunsill ta' deċiżjoni li tikkonkludi l-ftehim. Ma jeżisti ebda strument legali ieħor li jista' jintuża sabiex jintlaħaq l-oġettiv espress minn din il-proposta.

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Qabel u matul in-negozjati, l-Istati Membri tal-UE ġew mgħarrfa u kkonsultati regolarment bil-fomm u bil-miktub dwar id-diversi aspetti tan-negozjati permezz tal-Kumitat tal-Politika Kummerċjali tal-Kunsill. Il-Parlament Ewropew ġie wkoll infurmat u kkonsultat regolarment permezz tal-Kumitat tiegħu għall-Kummerċ Internazzjonali (“INTA”). It-testi li bdew jirriżultaw min-negozjati ntbagħtu liż-żewġ istituzzjonijiet matul il-proċess.

B'mod parallel man-negozjati, il-Kummissjoni kkummissjonat Valutazzjoni tal-Impatt għas-Sostenibbiltà (“VIS”) tas-CEPA bejn l-UE u l-Indoneżja.

Il-VIS, li tlestiet f'Settembru 2019, eżaminat kif id-dispożizzjonijiet kummerċjali u dawk relatati mal-kummerċ tas-CEPA li qed jiġu nnegozjati jistgħu jaffettwaw kwistjonijiet ekonomiċi, soċjali, tad-drittijiet tal-bniedem u ambjentali fl-UE u fl-Indoneżja. Hija bniet fuq l-analiżi ppreżentata fil-VIS imwettqa fl-2008 b'appoġġ għan-negozjati bejn ir-reġjuni għal ftehim kummerċjali bejn l-UE u l-ASEAN, filwaqt li pprovdiet informazzjoni aktar aġġornata u enfasi ċara fuq il-karatteristiċi speċifiċi u l-impatti potenzjali tan-negozjati bilaterali mal-

Indoneżja biss. B'mod partikolari, hija eżaminat aktar fil-fond l-impatti potenzjali tas-CEPA f'għadd ta' setturi ta' rilevanza speċifika għar-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-UE u l-Indoneżja, inkluż iż-żjut veġetali u ż-żrieragħ żejtnin, il-ħwejjeġ u l-ilbies, u s-servizzi finanzjarji.

B'mod ġenerali, ir-rapport ikkonkluda li ftehim bejn l-UE u l-Indoneżja kien mistenni li jkollu impatti pożittivi għaż-żewġ Partijiet u għas-soċjetajiet tagħhom, fl-indikaturi ekonomiċi ewlenin kollha (il-PDG, il-benesseri, il-kummerċ globali u bilaterali), bid-daqs komparattiv tagħhom ikun akbar fl-Indoneżja milli fl-UE minħabba d-differenzi fid-daqs relattiv taż-żewġ ekonomiji. L-immudellar ekonomiku pprojetta żieda fil-benesseri tal-UE ta' bejn EUR 2 biljun u EUR 2,4 biljun u żieda fil-PDG tal-UE ta' bejn EUR 2,5 biljun u EUR 3,1 biljun. Dan wera li aktar ma jkun għoli l-grad ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ miksub fil-ftehim, aktar ikunu kbar il-kisbiet ekonomiċi mistennija għaż-żewġ naħat, u b'hekk ikun iġġustifikat li jintlaħaq il-grad massimu ta' liberalizzazzjoni possibbli fin-negozjati. It-tneħħija tal-ostakli mhux tariffarji (NTBs) għall-kummerċ dehret li hija fattur ewlieni fid-determinazzjoni tad-daqs tal-gwadanji ekonomiċi mistennija, u r-rapport enfasizza l-importanza li tingħata attenzjoni speċifika lil oqsma bħall-miżuri Sanitarji u Fitosanitarji (SPS) u l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ (TBT).

Fis-26 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni ħarġet dokument ta' pożizzjoni dwar il-VIS mwettqa b'appoġġ għan-negozjati tas-CEPA. Hija kkonkludiet li l-VIS ikkorroborat il-każ għan-negozjar ta' ftehim ambizzjuż dwar il-kummerċ u l-investment u pprovdiet għarfien dwar setturi jew atturi speċifiċi li jistgħu jesperjenzaw impatti negattivi, u li għalihom għandha tingħata attenzjoni speċjali.

Fil-kuntest tal-VIS u matul in-negozjati, il-Kummissjoni pprovdiet il-possibbiltà li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jsemmgħu leħinhom, jistaqsu mistoqsijiet, u jikkontribwixxu għal dibattitu soċjetali b'saħħtu, ibbażat fuq l-evidenza u trasparenti, inkluż permezz ta' djalogi ddedikati tas-soċjetà ċivili, workshop mal-partijiet ikkonċernati lokali fl-Indoneżja, laqgħat bilaterali, intervisti u sfharrijiet ibbażati fuq il-web.

Barra minn hekk, matul in-negozjati u f'konformità mal-politika ta' trasparenza tagħha, il-Kummissjoni ppubblikat fuq is-sit web tagħha u aġġornat regolarment rapporti taċ-ċikli ta' negozjati, il-proposti tat-test, l-istqarrijiet għall-istampa, l-iskedi informattivi u l-materjali ta' informazzjoni ta' sfond.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-VIS tas-CEPA twettqet minn konsorzju ta' kumpaniji ta' konsulenza indipendenti mmexxi minn Development Solutions u kkummissjonat mid-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ tal-Kummissjoni.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

In-negozjati għal Ftehimiet bilaterali ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-pajjiżi tax-Xlokk tal-Asja kienu koperti mill-valutazzjoni tal-impatt ta' Awwissu 2009 imwettqa fiż-żmien tal-proposta tal-Kummissjoni għal mandat ta' negozjar għal Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-ASEAN.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Is-CEPA ma huwiex soġġett għall-proċeduri tar-REFIT. Madankollu, huwa jinkludi għadd ta' dispożizzjonijiet li se jissimplifikaw il-proċeduri kummerċjali u dawk relatati, inaqqsu l-kostijiet relatati mal-esportazzjoni u għalhekk aktar SMEs se jkun jistgħu jagħmlu n-negozju

fiż-żewġ swieq. Kapitolu ddedikat għall-SMEs jindirizza b'mod partikolari titjib fl-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni mal-Indoneżja dwar kwistjonijiet relatati mal-SMEs. L-eliminazzjoni tat-tariffi, inkluż fuq il-komunikazzjonijiet elettroniċi, proċeduri doganali simplifikati u diġitalizzati u rekwiżiti tekniċi aktar kompatibbli se jnaqqsu l-kostijiet relatati mal-esportazzjoni u se jippermettu lill-SMEs b'volumi kummerċjali aktar baxxi jikkompetu ma' kumpaniji akbar. Dan isahha ukoll il-kapaċità tal-SMEs li jipparteċipaw fil-ktajjen tal-provvista, il-kummerċ diġitali u l-akkwist pubbliku u li jipprovdu servizzi fis-suq tal-Indoneżja. Is-CEPA jippromwovi wkoll it-trasparenza u l-użu ta' standards internazzjonali biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-suq u jitnaqqsu l-kostijiet tal-konformità.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma taffettwax il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni.

#### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Is-CEPA se jkollu impatt finanzjarju fuq il-baġit tal-UE fuq in-naħa tad-dħul. Huwa stmat li d-dazji mitlufa jistgħu jilhqg ammont ta' bejn EUR 630 miljun u EUR 700 miljun fis-sena wara l-implimentazzjoni sħiħa tas-CEPA. L-istima hija bbażata fuq l-importazzjonijiet medji pprojettati għall-2041 fin-nuqqas ta' FTA.

#### **5. ELEMENTI OĦRA**

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Is-CEPA jinkludi dispożizzjonijiet istituzzjonali li jistabbilixxu l-istruttura għall-korpi ta' implimentazzjoni biex jimmonitorjaw kontinwament l-implimentazzjoni, l-operat u l-impatt tas-CEPA.

Il-kapitolu istituzzjonali tas-CEPA jistabbilixxi Kumitat għall-Kummerċ li għandu bħala l-kompitu prinċipali tiegħu s-superviżjoni u l-iffaċilitar tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tas-CEPA. Il-Kumitat għall-Kummerċ se jkun inkarigat li jissorvelja l-ħidma tal-kumitati speċjalizzati u l-gruppi ta' ħidma kollha stabbiliti skont is-CEPA.

Il-Kumitat għall-Kummerċ se jkollu skambju ta' fehmiet dwar suġġetti marbuta mal-implimentazzjoni tal-ftehim mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili li jipparteċipaw fi Djalogu tas-Soċjeta Ċivili.

Is-CEPA jistabbilixxi Gruppi Konsultattivi Domestiċi li jinkludu rappreżentanza bbilanċjata ta' organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili inkluż organizzazzjonijiet mhux governattivi, organizzazzjonijiet tan-negozju u tal-impjegaturi kif ukoll trade unions attivi fi kwistjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali. Il-Gruppi Konsultattivi Domestiċi jistgħu jippreżentaw fehmiet u rakkomandazzjonijiet dwar il-funzjonament u l-implimentazzjoni tal-FTA u għandhom jiltaqgħu mill-inqas darba fis-sena.

Kif enfasizzat fil-Komunikazzjoni "Kummerċ għal Kulħadd", il-Kummissjoni qed tiddedika dejjem iżjed riżorsi għall-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi ta' ftehimiet kummerċjali u ta' investiment. F'Novembru 2025, il-Kummissjoni ppubblikat il-ħames Rapport annwali tagħha dwar l-Implimentazzjoni u l-Infurzar. L-iskop ewlieni tar-rapport huwa li tingħata stampa oġġettiva dwar l-implimentazzjoni tal-FTAs tal-UE, b'enfasi fuq il-progress li jkun sar u n-nuqqasijiet li jeħtieġ li jiġu indirizzati. L-objettiv huwa li r-rapport iservi bħala l-bażi għal dibattitu miftuħ u l-involviment mal-Istati Membri, il-Parlament Ewropew u s-soċjetà ċivili

b'mod ġenerali dwar il-funzjonament tal-FTAs u l-implimentazzjoni tagħhom. Bħala eżerċizzju annwali, il-pubblikazzjoni tar-rapport se tippermetti monitoraġġ regolari tal-iżviluppi, u b'hekk jiġi rreġistrat ukoll kif ikunu ġew indirizzati kwistjonijiet ta' prijorità. Ir-rapport se jkopri s-CEPA bejn l-UE u l-Indoneżja mid-dħul fis-seħħ tiegħu.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

B'riżultat tal-Kapitolu 2 tas-CEPA, l-UE u l-Indoneżja se jeliminaw it-tariffi fuq aktar minn 98 % tal-linji tariffarji, u qrib il-100 % f'termini ta' valur. Mad-dħul fis-seħħ, diġà se jiġu liberalizzati 80 % minnhom. Wara eliminazzjoni gradwali ta' 5 snin, il-liberalizzazzjoni se tilħaq 96 % tal-kummerċ bilaterali. Pereżempju, l-Indoneżja se tneħħi d-dazji għoljin fuq il-prodotti industrijali, bħall-vetturi bil-mutur (tariffi attwali jilhq u 50 %), il-makkinarju u t-tagħmir elettriku, il-farmaċewtiċi u s-sustanzi kimiċi kif ukoll il-prodotti agroalimentari. Il-Ftehim se jelimina wkoll jew inaqqas b'mod sostanzjali d-dazji tal-UE fuq il-bieċa l-kbira tal-merkanzija Indoneżjana esportata lejn l-UE.

Il-Kapitolu 3 tas-CEPA fih regoli tal-oriġini li jiżguraw li l-prodotti li jkunu ġew ipproċessati b'mod sinifikanti fl-UE jew fl-Indoneżja biss ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-preferenzi tariffarji tal-ftehim.

Il-Kapitolu 4 tas-CEPA se jgħin lill-kumpaniji li jinnegozjaw il-merkanzija bejn l-UE u l-Indoneżja jiksbu l-prodotti tagħhom b'mod aktar faċli u malajr mid-dwana. Dan se jgħin biex jiġi żgurat kontroll doganali effettiv, sabiex il-merkanzija importata tissodisfa r-regoli kollha tal-pajjiż importatur inkluż ir-rekwiżiti relatati mas-sikurezza, is-sigurtà u r-rispett tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Il-Ftehim jinkludi b'mod partikolari dispożizzjonijiet dwar il-proċeduri doganali li għandhom jiġu rrispettati fil-fruntiera, impenji biex jiġi pprovdut aċċess faċli għall-informazzjoni dwar it-tariffi applikati, u prinċipji komuni għal-leġiżlazzjoni doganali.

Il-Kapitolu 5 tas-CEPA jinkludi wkoll mekkaniżmu ta' salvagwardja bilaterali, li jippermetti lill-UE u lill-Indoneżja jimponu miżuri temporanji f'każ li żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet preferenzjali tikkawża, jew thedded li tikkawża, dannu serju lill-industrija domestika tagħhom.

Il-Kapitolu 6 tas-CEPA dwar kwistjonijiet Sanitarji u Fitosanitarji (SPS), ikopri s-sikurezza alimentari u s-saħħa tal-animali u tal-pjanti. Dan jippreserva l-mod kif l-UE tadotta u tinforza r-regoli tagħha dwar is-sikurezza alimentari, kemm għall-prodotti li jiġu prodotti domestikament jew daww importati. Il-Ftehim jafferma mill-ġdid il-prinċipji tal-Ftehim SPS tad-WTO. L-UE u l-Indoneżja se jsaħħu l-ħidma konġunta dwar kwistjonijiet SPS biex jiżguraw intervent rapidu f'emerġenzi relatati mal-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' prodotti agrikoli u tas-sajd.

Il-Kapitolu 7 tas-CEPA għandu l-għan li jneħħi l-ostakli tekniċi għall-kummerċ ta' merkanzija bejn l-UE u l-Indoneżja. Għal setturi ewlenin bħall-elettronika, il-makkinarju, u l-prodotti effiċjenti fl-użu tal-enerġija, iċ-ċertifikati u r-rapporti tat-testijiet minn korpi akkreditati bbażati fl-UE huma rikonoxxuti, u dan jelimina l-ħtieġa ta' ttestjar mill-ġdid u ċertifikazzjoni mill-ġdid fl-Indoneżja li jiswew ħafna flus u li jieħdu ħafna ħin. Is-CEPA fih ukoll proċeduri ta' tikkettar razzjonalizzati. Is-CEPA jipprevedi trasparenza u prevedibbiltà regulatorji aħjar li jtejbu l-possibbiltajiet għall-partijiet ikkonċernati u għall-awtoritajiet li

jipprovdu feedback dwar l-abbozz tar-regolamenti tekniċi tal-parti l-oħra u jħallu biżżejjed żmien biex jadattaw qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom. Huwa jagħti wkoll mandat li ż-żewġ partijiet jadottaw u japplikaw standards rilevanti rikonossuti internazzjonalment bħala l-bażi għar-regolamenti tekniċi tagħhom. Anness iddedikat għas-settur awtomobilistiku tas-CEPA jiżgura li l-vetturi tal-UE b'ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tan-NU identifikati fil-ftehim ma jiffaċċjaww rekwiżiti addizzjonali ta' ttestjar jew ta' mmarrar fl-Indoneżja, u b'hekk jonqsu l-kostijiet u l-perjodu taż-żmien sakemm il-prodotti jiġu introdotti fis-suq.

Il-Kapitolu 8 tas-CEPA se jżid ukoll l-opportunitajiet għall-fornituri tas-servizzi u għall-investituri tal-UE u tal-Indoneżja, u jiżgura ambjent kummerċjali aktar prevedibbli. B'mod partikolari se jggarantixxi li l-fornituri tas-servizzi u l-investituri tal-UE fis-setturi identifikati fis-CEPA ma jiġux diskriminati fil-konfront tal-kontropartijiet Indoneżjani tagħhom. Dan se jagħmilha aktar faċli għall-operaturi tal-UE biex jiksbu l-liċenzji jew il-kwalifiki meħtieġa biex jipprovdu s-servizzi tagħhom, permezz ta' proċessi ċari, ekwi u f'waqthom. Huwa se jiżgura li l-fornituri tas-servizzi tal-UE f'ċerti setturi ma jkunux meħtieġa jkollhom preżenza lokali (bħal fergħa), ċertu ammont ta' operaturi jew ċertu valur ta' tranżazzjonijiet fl-Indoneżja.

Filwaqt li s-CEPA jippromwovi l-flussi tal-kummerċ u tal-investment bejn l-UE u l-Indoneżja, dan jissalvagwardja b'mod espliċitu d-dritt ta' kull parti li tirregola biex jintlaħqu l-oġettivi leġittimi tal-politika.

Il-Kapitolu 9 tas-CEPA jiżgura li l-kapital meħtieġ biex jitwettqu t-tranżazzjonijiet liberalizzati skont il-ftehim – pereżempju, l-istabbiliment ta' negozju bi sjieda barranija – fil-prattika jitħalla jiċċaqlaq mill-UE lejn l-Indoneżja u viċi versa. Fl-istess ħin, iż-żewġ naħat xorta jistgħu japplikaw il-liġijiet u r-regoli tagħhom stess fejn meħtieġ, pereżempju f'każijiet ta' falliment jew meta jittrattaw it-titoli.

Il-Kapitolu 10 tas-CEPA joħloq ambjent ta' kummerċ diġitali prevedibbli, sigur u ekwu. B'mod partikolari jiżgura flussi transfruntiera liberi tad-data billi jipprojbixxi rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni mhux ġustifikati u jipprojbixxi d-dazji doganali fuq it-trażmissjonijiet elettroniki. Huwa jipprevedi regoli vinkolanti li jibnu l-fiduċja tal-konsumatur u jiżguraw iċ-ċertezza legali għan-negozji u jappoġġaw l-innovazzjoni.

Il-Kapitolu 11 tas-CEPA jistabbilixxi regoli li jiżguraw li l-proċeduri għall-aġġudikazzjoni ta' kuntratti pubbliċi jkunu trasparenti, ekwi u mhux diskriminatorji għan-negozji tal-UE.

L-UE u l-Indoneżja qablu dwar il-protezzjoni u l-infurzar effettivi tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fil-Kapitolu 12. Is-CEPA jipprovdi b'mod partikolari protezzjoni diretta għal 221 Indikazzjoni Ġeografika tal-UE u 72 Indikazzjoni Ġeografika ("IG") Indoneżjana, li jkopru prodotti agroalimentari bħal-laħam u l-ġobnijiet tal-UE u l-ħwawar u l-kafejiet Indoneżjani. Dan il-livell għoli ta' protezzjoni tal-IG isaħħaħ il-potenzjal tal-esportazzjoni f'setturi agroalimentari ta' valur għoli, filwaqt li jiżgura deżinjazzjoni esklużiva u jgħin lill-produtturi jikkummerċjalizzaw prodotti primjum.

Il-Kapitolu 13 tas-CEPA jiżgura li jinżammu liġijiet effettivi tal-kompetizzjoni fiż-żewġ ġurisdizzjonijiet, li huma implimentati minn awtoritajiet operazzjonalment indipendenti, li jridu jaġixxu b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju, filwaqt li jirrispettaw id-drittijiet tad-difiża. Il-Ftehim jipprevedi wkoll kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet. Fih regoli dwar is-sussidji, l-antitrust u l-intrapriżi tal-istat.

Il-Kapitolu 14 tas-CEPA jirrappreżenta wkoll pass kbir fil-ftuħ tal-kummerċ u l-investiment u fl-iżgurar tal-ktajjen tal-provvista bejn l-UE u l-Indoneżja fl-enerġija u l-materja prima.

Il-Kapitolu 15 jipprovdi qafas komprensiv dwar il-kummerċ u t-tkabbir u l-iżvilupp sostenibbli, b'impenji legalment vinkolanti infurzabbli permezz tal-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim tas-CEPA. Is-CEPA jipprevedi wkoll pjattaforma għal djalogu u kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ambjentali u klimatiċi relatati mal-kummerċ, inkluż fis-settur taż-żejt tal-palm. Dan jinkludi dispożizzjonijiet iddedikati dwar il-protezzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi naturali, l-istabiliment ta' impenji fir-rigward tal-konservazzjoni tal-foresti, il-bijodiversità, il-ġlieda kontra l-kummerċ illegali ta' organiżmi selvaġġi, u l-ġlieda kontra s-sajd Illegali, Mhux Irrappurtat u Mhux Irregolat (IUU).

Il-Kapitolu 16 tas-CEPA johlq qafas għall-UE u għall-Indoneżja biex jikkooperaw fit-tiħi tal-politiki u fid-definizzjoni ta' programmi li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' sistemi tal-ikel sostenibbli, inklużivi, tajbin għas-saħħa u reżiljenti.

Fil-Kapitolu 17 tiegħu, il-Ftehim jistabbilixxi prinċipji bażiċi u linji gwida operazzjonali għall-kooperazzjoni ekonomika u l-bini tal-kapaċità f'oqsma koperti fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.

Għandu wkoll il-Kapitolu 18 li huwa ddedikat għall-SMEs u fih għadd ta' dispożizzjonijiet oħra li huma ta' benefiċċju għal tali impriżi, pereż. l-istabiliment ta' pjattaforma diġitali unika aċċessibbli għall-pubbliku li tipprovdi informazzjoni dwar kif jaċċessaw u jagħmlu negozju fis-swieq ta' xulxin, il-ħolqien ta' punti ta' kuntatt għall-SMEs, id-diġitalizzazzjoni tal-operazzjonijiet kummerċjali, eċċ.

Il-Kapitolu 19 tas-CEPA jippromwovi regolamenti trasparenti, koordinati u bbażati fuq l-evidenza li jirrispettaw il-liġijiet domestiċi, jappoġġaw l-għanijiet tal-ordni pubbliku, u jqisu l-interessi tan-negozji u tal-partijiet ikkonċernati. Il-partijiet iridu jippubblikaw b'mod partikolari lista annwali ta' regolamenti ewlenin ipplanati, li tispijega l-iskop u l-iskedi ta' żmien tagħhom.

Il-Kapitolu 20 tas-CEPA jtejjeb il-prevedibbiltà, l-akkontabilità u l-ekwità fir-regolamentazzjoni relatata mal-kummerċ. Billi jiggarrantixxi pubblikazzjoni f'waqtha, aċċess miftuħ għall-informazzjoni, proċessi amministrattivi ekwi, u mezzi indipendenti ta' appell, dan isaħħaħ il-fiduċja fis-sistemi regolatorji u jnaqqas l-inċertezza għan-negozji li joperaw bejn il-fruntieri.

- **Test tal-Ftehim u n-notifiki**

It-test tal-Ftehim huwa ppreżentat lill-Kunsill flimkien ma' din il-proposta.

F'konformità mat-Trattati, hija l-Kummissjoni li għandha tipproċedi għan-notifika prevista fl-Artikolu 25.2 tal-Ftehim, sabiex tesprimi l-approvazzjoni tal-Unjoni li tkun marbuta bil-Ftehim.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Komprensiv bejn l-Unjoni Ewropea u l-Indoneżja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1), l-Artikolu 100(2), u l-Artikolu 207, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), u l-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew<sup>1</sup>,

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru [XX] ta' XX/XX/XXXX<sup>2</sup>, il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Komprensiv bejn l-Unjoni u l-Indoneżja ("il-Ftehim") ġie ffirmat fi [XX XX 2026], soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (2) Jenħtieġ li l-Ftehim jiżgura l-avvanz tal-politika kummerċjali komuni tal-Unjoni billi jistabbilixxi sħubija ekonomika komprensiva mal-Indoneżja.
- (3) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat.
- (4) F'konformità mal-Artikolu 218(7) tat-Trattat, huwa xieraq li l-Kummissjoni tiġi awtorizzata tapprova, f'isem l-Unjoni, modifiki għall-Ftehim li jridu jiġu adottati permezz ta' proċedura simplifikata skont l-Artikoli 11.20, 12.37 jew l-Artikolu 24.2(2), il-punt (x) jew (xi), wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Politika Kummerċjali.
- (5) Il-Ftehim, f'konformità mal-Artikolu 25.7(1) tiegħu, fl-Unjoni, ma jagħtix drittijiet jew jimponi obbligi fuq persuni, għajr dawk maħluqa bejn il-Partijiet skont id-dritt internazzjonali pubbliku,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Komprensiv bejn l-Unjoni Ewropea u l-Indoneżja (il-"Ftehim") huwa b'dan approvat.

### *Artikolu 2*

Għall-finijiet tal-Artikolu 11.20 u l-Artikolu 24.2(2), il-punt (x) tal-Ftehim, kwalunkwe modifika jew rettifika tal-Annessi 11-A u 11-B tal-Ftehim, għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Politika Kummerċjali.

---

<sup>1</sup> ĠU C , , p . .

<sup>2</sup> [Għandha tiddaħħal ir-referenza].

### *Artikolu 3*

Għall-finijiet tal-Artikolu 12.37 u l-Artikolu 24.2(2), il-punt (xi) tal-Ftehim, kwalunkwe emenda tal-Annessi 12-A u 12-C tal-Ftehim, għandha tiġi approvata mill-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Politika Kummerċjali.

### *Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha<sup>3</sup>.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

<sup>3</sup> Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

# **DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA “DĦUL” - GĦAL PROPOSTI LI GĦANDHOM IMPATT BAĠITARJU FUQ IN-NAĦA TAD-DĦUL TAL-BAĠIT**

## **1. ISEM IL-PROPOSTA:**

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Komprensiv bejn l-Unjoni Ewropea u l-Indoneżja

## **2. LINJI BAĠITARJI:**

Linja tad-dħul (Kapitolu/Artikolu/Partita): Il-Kapitolu 12, l-Artikolu 120

Ammont ibbaġitjat għas-sena kkonċernata: (2026) **EUR 21 368 300 000**. Il-baġit huwa disponibbli hawnhekk: [Abbozz tal-Baġit 2026 — DIKJARAZZJONI ĠENERALI TAD-DĦUL](#)

(*fil-każ ta' dħul assenjat biss*):

Id-dħul jiġi assenjat għal-linja tan-nefqa li ġejja (Kapitolu/Artikolu/Partita):

## **3. IMPATT FINANZJARJU**

- Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja
- Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul
- Il-proposta għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul assenjat

L-effett huwa kif ġej:

(*miljuni ta' EUR sa pożizzjoni deċimali waħda*)

Linja tad-dħul	Impatt fuq id-dħul <sup>45</sup>	12-il xahar	Sena 2027
Kapitolu 12/Artikolu 120	EUR 630 miljun	Dħul fis-seħħ mistenni fl-ewwel nofs tal-2027	0

Sitwazzjoni wara l-azzjoni					
Linja tad-dħul	[N+10]	[N+11]	[N+12]	[N+13]	[N+14]
Kapitolu/Artikolu/Partita ...	EUR 700 miljun	EUR 700 miljun	EUR 700 miljun	EUR 700 miljun	EUR 700 miljun

(*Fil-każ ta' dħul assenjat biss, bil-kundizzjoni li l-linja baġitarja tkun diġà magħrufa*):

<sup>4</sup> L-ammonti għal kull sena jeħtieġ li jkunu stima bbażata fuq il-formula jew fuq il-metodu definit skont it-Taqsima 5. Għas-sena tal-bidu, l-ammont annwali normalment jitħallas mingħajr tnaqqis jew fuq bażi pro rata.

<sup>5</sup> L-ammonti indikati huma dazji doganali (ammonti grossi). Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali korrispondenti dovuti għall-baġit tal-UE, jeħtieġ li l-kostijiet tal-ġbir jitnaqqsu (25 % miżmuma mill-Istati Membri sal-2027, b'din is-sena inkluża, u għal 10 % wara, kif propost f'COM(2025) 574).

Linja tan-nefqa <sup>6</sup>	Sena N	Sena N+1
Kapitolu/Artikolu/Partita ...		
Kapitolu/Artikolu/Partita ...		

Linja tan-nefqa	[N+2]	[N+3]	[N+4]	[N+5]
Kapitolu/Artikolu/P artita ...				
Kapitolu/Artikolu/P artita ...				

#### 4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

#### 5. RIMARKI OĦRAJN

Il-proposta ma ġġarrabx kostijiet addizzjonali (nefqa) fil-baġit tal-UE.

Is-CEPA se jkollu impatt finanzjarju fuq il-baġit tal-UE fuq in-naħa tad-dħul. Huwa stmat li d-dazji mitlufa jistgħu jilħqu ammont ta' bejn EUR 630 miljun u EUR 700 miljun fis-sena wara l-implimentazzjoni sħiħa tas-CEPA. L-istima hija bbażata fuq l-importazzjonijiet medji pprojetta għall-2042 fin-nuqqas ta' FTA.

Huwa mistenni li jkun hemm impatti pożittivi indiretti f'termini ta' żidiet f'riżorsi marbuta mat-taxxa fuq il-valur miżjud u l-introjt nazzjonali gross.

<sup>6</sup> Tintuża biss jekk ikun hemm bżonn.